# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 6 IT-TNEJN, L-1 TA' FRAR, 1943. Nru. 6


# KELMTEJN MILL-EDITUR

## TQASSIM TA' ĦXEJJEX GĦALL-BEJGĦ

### SISTEMA GĦALL-KONTROLL TAN-NEGOZJU TAL-ĦAXIX BL-INGROSSA U BL-IMNUT

IMĦABBA illi, bis-saħħa taż-żieda li saret fir-razzjon ta' l-oġġetti ta' l-ikel, in-numru ta' nies miktubin fil-Kċejjen tal-Gvern naqas, u b'hekk il-bejgħa tal-ħaxix li soltu tinbiegħ fil-ħwienet kellha mill-banda l-oħra tiżdied mhux ftit, il-Gvern kien wiegħed illi d-Dipartiment tal-Biedja kellu jdaħħal u jħaddem sistema li biha jkun jista' jmexxi u jikkontrolla t-tqassim tal-ħaxix.

**Provvisti għad-Distretti**

Din is-sistema bdiet taħdem minn nhar l-Erbgħa, is-27 tax-xahar li għadda, u l-ħsieb ta' din is-sistema huwa illi, kemm jista' jkun, kull belt jew raħal ikun ipprovdut bi kwantità ta' ħaxix skond in-numru ta' nies li hemm joqogħdu fih. Billi l-ħaxix huwa oġġett li malajr jidbiel u jmur, it-tqassim tiegħu ma jistax isir bir-razzjon, kif ma satax isir jew qatt ma rnexxa li jsir f'pajjiżi oħra; iżda d-Dipartiment tal-Biedja bi ħsiebu jgħasses sewwa fuq il-bejgħ tal-ħaxix sew jekk bl-ingrossa kemm jekk bl-imnut, jiġifieri sew mill-imħażen kemm mill-ħwienet jew minn fuq il-karrettun, u b'hekk, kull min jixtri jkun jista' jikseb ħaxix biżżejjed għall-bżonnijiet tiegħu bi prezz xieraq.

**Postijiet tat-Tqassim**

Ix-xogħol tat-tqassim isir bħalma hu msemmi hawn taħt :—

Il-bejgħa tal-ħaxix tinġieb minn għand il-bdiewa fil-pitkaliji li jkun hemm fid-distrett, u, f'dawk l-irħula jew postijiet imwarrba fejn ma hemmx pitkaliji, tkun tista' 'l quddiem tittieħed f'imħażen tal-Pitkali jew tal-Gvern għall-ġbir ta' dawn il-bigħat. Il-Gvern, imbagħad, jiġbor il-ħaxix kollu u jqassmu fil-15-il-maħżen tal-bejgħ bl-ingrossa li jinsabu mxerrdin mal-Gżira kollha u li qegħdin f'idejn id-Dipartiment tal-Biedja. Minn dawn l-imħażen il-ħaxix jinbiegħ lil tal-ħwienet tal-ħaxix jew lill-bejjiegħa tal-ħaxix fuq il-karrettun. In-numru ta' dawn il-bejjiegħa tal-ħaxix bil-liċenza issa ma jkunx hekk kbir bħalma kien, iżda jonqos b'mod li kull bejjiegħ tal-ħaxix, mil-lum il quddiem, nittamaw ikollu provvista ta' ħaxix biżżejjed li tkun tista' tħallilu qligħ xieraq. Dan tabilħaqq jiddependi mill-ġabra li jkun hemm. Dawk in-nies li għandhom ħanut tal-merċa, jiġifieri jinneguzjaw f'oġġetti ta' l-ikel tar-razzjon, ma jistgħux ibigħu ħaxix u frott, ladarba għandhom il-permess tal-bejgħ ta' oġġetti oħra ta' l-ikel, u anqas ħaddieħor, ħlief biss min ibigħ il-ħaxix.

**Kontroll ta' Prezzijiet**

Il-bejjiegħa tal-ħaxix ma jistgħux ibigħu ħlief f'distretti stabbiliti. Fil-ħwienet tagħhom jew fuq il-karrettun tagħhom, għandhom pjanċa li turi d-distrett fejn jistgħu jbigħu l-ħaxix u n-numru tal-permess. **Il-bejjiegħa tal-ħaxix ma jistgħux jiġbru** iżjed il-ħaxix minn għand il-pitkali, iżda mill-imħażen tal-Gvern, li hemm fid-distrett tagħhom. Kull bejjiegħ tal-ħaxix jibqa' jirċievi, kemm jista' jkun, kwantità kbira ta' ħaxix skond ma jippermetti s-suq, u dawk il-bejjiegħa li ma jmorrux jiġbru l-ħaxix tagħhom kuljum jew li jippruvaw jinneguzjaw barra mid-distrett tagħhom jitilfu l-permess u flokhom jingħata l-permess lil ħaddieħor. Kull bejjiegħ tal-ħaxix għandu jħallas mal-kunsinna tal-ħaxix u jħalli somma, bħala depożitu, għad-dugħ, mezez jew xkejjer vojta. Kull bejjiegħ tal-ħaxix għandu jkollu fil-ħanut jew fuq il-karettun tiegħu lista stampata tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-Ingliż u bil-Malti, u għalhekk, kull min jixtri għandu, mad-daqqa ta' għajn, ikun jaf sewwa kemm iħallas tal-ħaxix li jixtri. Ix-xerrejja għandhom, għalhekk, ukoll, igħinu lill-Gvern billi jirrappurtaw lill-Kontrollur tas-Swieq tal-Biedja, l-Uffiċċju tal-Biedja, il-Ħamrun, lil kull bejjiegħ li jitlobhom iżjed mill-prezz li jkun hemm f'din il-lista. Il-bejgħ għandu jsir bl-użin, u għal xi ħaxix, bil-faxx, bit-tużżana jew bil waħda.

**Kumitat għall-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Prodotti tal-Biedja**

Il-Gvern waqqaf Kumitat għall-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Prodotti tal-Biedja sabiex jagħti l-pariri tiegħu lill-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ fuq il-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut tal-ħaxix u prodotti oħra tal-biedja. Dan il-Kumitat hu magħmul minn żewġ membri uffiċjali, tliet bdiewa, mara tad-dar, bejjiegħ tal-ħaxix u lukandier. Dawn l-ismijiet issibuhom fil-paġna ta' wara.

**Tqassim ta' Ħaxix lis-Servizzi, Istituti, eċċ.**

Id-Dipartiment tal-Biedja jkompli jipprovdi bil-ħaxix lis-Servizzi (Militar, Forza ta' l-Ajru, eċċ.), Istituti tal-Gvern u lid Dipartimenti Komunali ta' l-Ikel, kif ukoll lil-lukandi u istituti oħra. Għalhekk, il-lukandi u l-istituti ma jkunux jistgħu jieħdu l-ħaxix tagħhom minn għand il-bejjiegħa tal-pubbliku sabiex il-kwantità ta' ħaxix iddestinata għall-bejgħ lin-nies tad-distrett ma titnaqqasx minn dik tal-pubbliku. Għalkemm b'din is-sistema wieħed ma jistax jiżgura li kull familja tkun tista' dejjem tikseb il-porzjon tagħha sewwa ta' ħaxix, nistgħu, iżda, ngħidu illi kull distrett ikun fornut bi kwantità ta' ħaxix skond is-sehem li jmissu, u l-ħaxix f'kull distrett ikun imżewwaq b'kull xorta ta' prodott iżjed milli kien qabel.

## KELMTEJN MILL-EDITUR

*(Ikompli mill-paġna 1)*

Billi d-Dipartiment tal-Biedja sa jieħu taħt idejh il-prodotti kollha tal-ħaxix li jinġiebu fl-imħażen tal-ġbir u jixtrihom bi prezzijiet fissi, il-bdiewa jaħbtilhom aħjar, il-għaliex ikomplu jdaħħlu dejjem prezz tajjeb mill-prodott ukoll meta fl-aqwa staġun tal-ħaxix ikollhom iżżejjed u soltu l-prezz tal-ħaxix kien ikollu għalhekk jitbaxxa.

### Twissijiet Meħtieġa

Dan l-aħħar fir-Regolamenti ta' l-1942 dwar il-Kontroll tal-Prodotti tal-Biedja żdied regolament importanti. Bis-saħħa ta' dan ir-regolament ġdid il-Bord għat-Twettiq fil-Biedja jista' jwaħħal millinqas piena ta' £20 lil kull bidwi li jinsab ħati talli jkun mela l-mezez tiegħu b'taħlit ta' prodott ħażin jew għajjien ma' ieħor tajjeb, jew billi jkun mela l-prodott tiegħu fil-mezez imxarrab b'ilma barrani jew mgħobbi bil-ħamrija, bil-ħsieb li jżid fil-pis.

Il-Gvern jaf illi l-biċċa l-kbira tal-bdiewa ma għandhomx id-drawwa li jabbużaw b'dan il-qerq, iżda issa bi ħsiebu jieħu passi ħorox kontra dawk il-ftit li għandhom din il-għada ħażina. Fil-ġarr li qed isir tat-tagħbijiet ta' ħxejjex sibna li l-ħell ta' xi ħxejjex, l-iktar minn xi tfal fl-inħawi ta' l-imħażen tal-pitkali u mħażen oħra tal-ħaxix, qiegħed jiżdied. Il-Gvern biħsiebu wkoll fuq hekk jieħu passi biex jinqata' dan l-abbuż.

Kull min ikollu għalfejn jirrapporta lil xi bejjiegħ tal-ħaxix talli dan ikun ħadlu prezz ogħla milli hemm iffissat fuq il-lista tal-prezzijiet jew talli dana jbigħ f'post barra mid-distrett tiegħu m'għandux ħlief jieħu n-numru tal-pjanċa li dan għandu fil-ħanut jew fuq il-ħanut. In-numru tal-pjanċa jkun biżżejjed biex id-Dipartiment tal-Biedja jkun jaf min hu l-bejjiegħ.

### Tifsir ieħor fuq it-Tqassim tal-Ħaxix lix-Xerrejja tal-Ħaxix u Twissijiet oħra.

Din hija s-sistema tat-tqassim tal-ħaxix u l-mod li bih sa taħdem. Issa nixtiequ nżidu xi kelmtejn biex bihom infissru xi ħaġ'oħra u nwissu lin-nisa tad-djar u lix-xerrejja tal-ħaxix kif għandhom jimxu fix-xiri tal-ħxejjex biex igħinu lill-Gvern u fl-istess ħin jinqdew huma wkoll bla ma jfixklu lil ħaddieħor. Kif fissirna mill-bidu, dan il-proġett kien tassew meħtieġ billi bosta familji ma baqgħux miktubin fil-Kċejjen tal-Gvern. L-iżjed mezz ħafif biex il-ħaxix jitqassam bil-ħaqq kien ikun ir-"razzjonament", iżda, għalkemm ix-xewqa tal-Gvern kienet li jitqassam b'dal-mod, u għalkemm saru ħafna suġġerimenti minn xi nies bil-miktub (u fuq hekk nirringrazzjawhom) li għall-ewwel dehru sbieħ u ħfief, rajna li dawn ma setgħux jitwettqu kif ġieb u laħaq meta tiġi biex tħaddimhom. Il-ħaxix ma jixbahx lil oġġetti oħra ta' l-ikel li tista' żżommhom u tqassamhom kif jaqbel għall-gosti ta' kull parruċċan. Ma tistax tkun taf kemm għandek u x'għandek tagħti lil min jiġi jixtri. Sa minuta qabel ma tasallek l-aħħar partita ta' ħaxix inti ma tkunx taf xi kwantità għandek, u għalhekk it-tqassim tiegħu ma jistax isir bil-biljett. Tarġa', il-ħaxix huwa oġġett li jmur malajr u ma tistax iżżommu biex tqassmu skond il-bżonn ta' dak li jkun, mil-lum għal għada. Ir-"razzjonament" tal-ħaxix, f'kelma waħda, iġib miegħu ħafna tbixkil li ebda pajjiż tad-dinja għad ma sata' jsib tarf tiegħu. Biex kull bejjiegħ tal-ħaxix ikun jista' jaqla' l-ġurnata tiegħu, skond dan il-proġett, ebda bejjiegħ tal-merċa ma jkun jista' jbigħ iżjed ħaxix. Il-pjanċa tal-permess tal-bejgħ li tkun fil-ħanut jew fuq il-karettun hija miżbugħa lewn il-larinġa b'ittri kbar suwed. Min ma għandux din il-pjanċa u tarawh ibigħ il-ħaxix, dak sinjal li qed ibigħ mingħajr permess u għandkom tirrappurtawh.

Il-ħaxix li jinbagħat f'kull belt jew raħal ma għandux ta' bil-fors iservi għal kull familja għax-xiri ta' kuljum. Ftakru dejjem illi d-Dipartiment tal-Biedja jista' biss iqassam il-ħaxix li jkollu f'idejh, iżda mhux li jżid mal-ħażna li jkollu dik il-ġurnata. Għalhekk kull familja hija mitluba li tixtri biss dik il-kwantità ta' ħaxix li tinħtieġilha sabiex tagħti l-wisa' li ħaddieħor ikun jista' jinqeda wkoll. Iżda, imbagħad, wieħed jista' jixtri biex jarfa' għall-għada dawk il-ħxejjex li ma jmorrux bilġri bħal karrotti u xi ħaxix ieħor. Jinħtieġ ukoll li fix-xiri wieħed ma jiffullax, iżda, bħalma qed isir fit-traffiku u fix-xiri ta' xi oġġetti oħra, in-nies toqgħod wara xulxin, kulħadd wara min imissu.

Imħabba r-reqqa kbira li biha l-Gvern biħsiebu jmexxi dan il-proġett, u l-għassa qawwija li sa jkun hemm fuq dawk li dari kienu jiksbu l-ħaxix billi jħallsu bi prezz mhux xieraq, ngħidu aħna bil-*black market*, nittamaw li fis-suq għandu jkun hemm ħaxix biżżejjed, iżda jekk għall-bidu ta' dan il-proġett jiġi li ma jkunx hemm, dan ifisser illi xi tagħbija setgħet iktarx marret f'post li dari kien inqas ixxurtjat fl-imgħoddi. Iżda, dan nittamaw li ma jiġrix hekk bilġri.

Ukoll la tmorrux tixtru barra mill-belt jew raħal li fih tgħammru, għaliex b'hekk tkunu qegħdin tnaqqsu mill-ħażna ta' ħaxix ta' nies oħra. Il-Gvern biħsiebu 'l quddiem jaħseb sabiex il-bejjiegħa ta' fuq il-karettun ibigħu biss f'ċerti triqat stabbiliti.

Meta l-ħaxix kien skarś bosta min-nies kienet tmur tixtri l-ħaxix mill-għelieqi. Jekk din ma kenitx ħaġa xierqa dari, il-lum wisq iżjed, u l-bdiewa ma jistgħux ibigħu lil dawn in-nies bla ma jagħmlu ħsara fil-kummerċ u fl-interess tal-popolazzjoni kollha. Ftakru li jekk xi wħud minnkom tistgħu tħallsu iżjed, hemm il-kotra l-kbira li ma tistax tagħmel bħal xi wħud minnkom. Għalhekk la twaqqgħux lill-bdiewa f'dan l-abbuż, u la ġġagħluhomx jiksru l-liġi bi ħsara ta' l-interessi tal-pajjiż. Ftakru li l-bdiewa s'issa għenu lill-Gvern u lill-pajjiż fil-bżonnijiet li sabu ruħhom, u mhux xieraq li ttebbgħulhom ġieħhom. Jisgħobbina ngħidu li dan l-abbuż qed isir minn xi nisa u xebbiet li ta' kuljum tarahom sejrin jixtru l-ħaxix mir-raba' ta' madwar Ħal Qormi.

Jekk għall-ewwel dan il-proġett ma jaħdimx skond ma nixtiequ, aħna nagħmlu l-mezzi kollha li nirranġawh. Aħna nilqgħu kull parir li jingħata lilna sabiex dan il-proġett jaħdem aħjar. Iżda xtaqna li min jitkellem ma jitkellimx biss biex imaqdar iżda b'fehma sinċiera li dak li jissuġġerixxi jkun tassew magħmul bi ħsieb sħiħ li bih il-Gvern ikun jista' jsewwi u mhux bil-ħsieb li jinqered il-proġett.

Fuq hekk nitolbu bil-ħeġġa kollha li tgħinna f'din il-ħaġa l-mara tad-djar li taf il-bżonnijiet u x-xkiel tal-familja iżjed milli nafuhom aħna l-irġiel, u għalhekk nistennew li kull mara tad-dar tagħraf timxi kif jixraq biex dan il-proġett jirnexxi għall-ġid tal-familji u tal-poplu kollu ta' din il-Gżira. Ma' tul din il-gwerra, in-nisa f'bosta djar għamlu mirakli. Nuru, immela, illi fejn hemm il-bżonn il-mara Maltija taf tagħmel dmirha bħala mara tad-dar u bħala Maltija li tħobb lil Art twelidha. Ixtru biss minn għand min għandu l-permess u mhux bi prezz ogħla minn dak li hemm iffissat mill-Gvern.

### ĦAŻNA TA' L-ILMA GĦAS-SAJF

**Dawk il-bdiewa li għandhom fejn jaħżnu ilma, jistgħu jitolbu fl-Uffiċċju ta' l-Ilma, il-Ħamrun, għal ħażna ta' ilma.**

## KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-PREZZIJIET TAL-PRODOTTI TAL-BIEDJA

Mas-sistema tat-Tqassim ta' Ħxejjex għall-Bejgħ twaqqaf Kumitat ġdid biex jiffissa l-prezzijiet tal-prodotti tal-biedja, u l-membri tiegħu huma dawn li ġejjin:—

Is-Sur R. Biasini, *President*.
Is-Sur C. Zammit Marmarà, M.B.E.
Is-Sur Paul Spiteri.
Is-Sur C. Galea.
Is-Sinjura J. Olivieri Munro.
Is-Sur Salvu Attard.
Is-Sur George Cortis.
Is-Sur Vincent Calleja.
Is-Sur George Schinas, *Segretarju*.

